MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2013

Numru. 1361/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs.**

**John Arapa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **John Arapa**, ta' sitta u sittin (66) sena, bin il-mejjet Massimo u Nina xebba Portelli, imwieled Qormi nhar it-8 ta'Dicembru 1945, residenti gewwa 28, Triq il-Princep Albert, Albert Town, il-Marsa, detentur tal-Karta tal-Identita bin-Numru 1034745M, akkuzat talli:

nhar l-4 ta' Dicembru 2012 ghal habta tal-11am gewwa Triq Dr. Giuseppe Zammit, il-Marsa, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioé ghamel hsara fuq vettura bin-

numru tar-registrazzjoni BBT 807 tal-Ghamla Toyota Aygo ghad-dannu ta’ Josianne Gafa minn Birzebbugia, liema valur tal-hsara ma jeccedix l-elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (Euro 1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (Euro 116.47).

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija meta tidrilha xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna ta’ Josianne Gafa jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena torbot lil hati b’obbligazzjoni taghha nnifisha taht penali ta’ somma ta’ flus li tigi ffissata mill-Qorti *ai termini* tal-Artikolu 383 *et seq* tal-Kapitolu 9.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. “D” – *a fol.* 13).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 14).

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma tali ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien ragonevoli sabiex jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-parti leza Josianne Gafa tiddikjara li hija ghad fadlilha tircievi s-somma ta’ mija u sittin Euro (€ 160.00) minn ghand l-imputat u dan l-ammont ikun a saldu ta’ kull pretensjoni li ghandha fil-konfront tal-imputat.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat, il-fedina penali tieghu (Dok. “B” – *a fol.* 10 – li minkejja li mhijiex wahda kompletament nadifa ma jistghax jinghad li hija wahda refrattarja), l-ammissjoni tal-imputat, il-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija u kif ukoll il-fatt li l-imputat diga effettwa pagament lill-parti leza (Dok. “X” u “Y” – *a fol.* 7 u 8).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat John Arapa hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, fil-fehma tal-Qorti, jissusistu cirkostanzi ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk il-Qorti tillibera lill-imputat John Arapa bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tlitt (3) snin millum u tordna li sa zmien xahar millum l-imputat ihallas is-somma ta’ mija u sittin Euro (€ 160.00) lil Josianne Gafa.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta’ liberta’ kundizzjonata u jekk ma jhallas is-somma ta’ mija u sittin Euro (€ 160.00) lil Josianne Gafa fi zmien lilu moghti.

*In oltre*, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-hati b’garanzija personali ta’ elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta’ Josianne Gafa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------